# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-26 TA’ JANNAR, 2023**

**Rik. Nru 691/2022 RGM**

**Mr Green Limited**
**Vs**
**Eva Schiketanz debitament rappreżentata mill-**
**Mandatarja speċjali tagħha l-Avukat Dr Sarah Sultana**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar rikors tal-**Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Logħob** (l-Awtorita’) tad-19 ta’ Ottubru, 2022 li permezz tiegħu talbet li tintervjeni in *statu et terminis* ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għar-raġunijiet hemm mogħtija fosthom li għandha interess dirett, immedjat u ġuridiku fil-mertu ta’ dawn il-proċeduri.

**Mertu tal-Kawża**.

1. Permezz tar-rikors promotur ippreżentat fit-2 ta' Awissu 2022 s-soċjeta' attriċi Mr Green Limited, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lill-Qorti sabiex:

   (1) tordna li r-rikonoxximent tas-sentenzi fl-ismijiet Eva Schiketanz v. Mr Green Limited mogħtija mill-Qorti "Regional Court for Civil Law Matters" Vienna, ġewwa l-Awstrija fit-23 ta' Lulju 2021 liema sentenza ġiet konfermata mill-"Higher Regional Court Vienna" ġewwa l-Awstrija fl-4 ta' Novembru 2021 huwa manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) fl-Istat Membru indirizzat (jiġifieri Malta) ai termini tal-Artikolu 45 (1) (a) tar-Regolament UE nru. 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (rformulazzjoni) (Brussels I Recast);

   (2) tordna konsegwentement li r-rikonoxximent tal-istess sentenzi ġewwa Malta għandu jiġi rifjutat ai termini tal-Artikolu 45 tal-istess Regolament UE Nru 1215/2012; u

   (3) tordna konsegwentement li l-eżekuzzjoni tal-istess sentenzi ġewwa Malta għanmdiu jiġi rifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tal-istess Regolament UE nru 1215/2012.

2. B'risposta tad-9 ta' Novembru, 2022 il-konvenuta Eva Schiketanz tilqa' għal dan ir-rikors fejn eċċepiet inter alia illi s-sentenzi mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi fil-kawża Eva Schiketanz vs Mr Green Limited huma pefettament leġittimi, ma jiksru l-ebda disposizzjoni ta' liġi Maltija ta' ordni pubbliku, u lanqas imorru kontra l-ordni pubbliku ta' Malta.

**Rikors għall-Intervent *In Statu et Terminis*.**

3. B'rikors tad-19 ta' Ottubru 2022 l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob talbet li tintervieni *in statu et terminis*. Tispjega illi Mr Green Ltd hija operatur tal-*online gaming* u *sports betting* ibbażat f'Malta u liċenzjata mill-Awtorita'. Tissottometti illi l-Qorti Awtrijaka fid-deċeżżjonijiet tagħha naqset milli tikkonsidra jekk il-monopolju tal-*online gaming* fl-Awtrija regolat mill-*Austrian Gaming Act* li tawtorizza biss logħob ta' *online games* minn entitajiet awtorizzati u liċenzjati minnha hux in vjolazzjoni tad-dritt sanċit mill-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi għall-moviment ħieles tas-servizzi, wieħed mill-prinċipji fundamentali tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea. Tgħid illi l-Qorti Awtrijaka irrifjutat illi tikkunsidra l-legalita' jew in-nuqqas tagħha tal-monopolju kreat mill-leġislatur Awtrijak fil-qasam tal-online gaming. Tqis illi Stat Membru m'għandux diskrezzjoni assoluta meta jiġi sabiex jillimita il-libertajiet ta' entitajiet reġistrati u liċenzjati ġewwa l-Unjoni Ewropea.

4. Tissottometti l-Awtorita' illi ġiet effettwata b'mod dirett minn dawn il-proċeduri peress illi s-saħħa tal-liċenzji maħruġa minnha ma jimponu l-ebda restrizzjoni fuq il-provvediment ta' servizzi ta' *online gaming* fi Stati Membri oħra u dan abbażi tal-liberta' fundamentali li tipprovdi servizzi fl-Unjoni Ewropea skond l-Artikolu 56 tat-TFUE. Tgħid illi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi Awstrijaċi jistgħu ikunu ta' preġudizzju għas-settur tal-logħob lokali. Tissottometti wkoll illi għandha kontribut siewi x'tagħti f'dawn il-proċeduri għall-ġid tas-settur illi hija tmexxi kif ukoll għall-operaturi kollha liċenzjati minnha.

5. L-Awtorita' tissottometti ulterjorment illi eżekuzzjoni eventwali fit-teritorju Malti tas-sentenzai Awstrijaċi jista' jwassal sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-ordni pubbliku b'konsegwenzi kważi fatali għall-valur tal-liċenzji maħruġa minnha. Tgħid illi peress li f'dawn

il-proċeduri hemm il-possibilita' li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) huwa dmir tagħha li tkun parti minn dawn il-proċeduri peress illi l-istess proċedura ser ikolha effett dirett fuq il-liċenzji minnha maħruġa. Tali intervent *in status et terminis* jagħti lill-Awtorita' l-fakolta' li tipparteċipa fi proċeduri eventwali li jistgħu isiru quddiem il-QĠUE.

6. Fir-risposta tagħha għal dan ir-rikors ippreżentata fid-9 ta' Novembru, 2022, Eva Schiketanz toġġezzjona li l-Awtorita' titħalla tintervjeni *in statu et terminis.* Tissottometti illi hawn si tratta ta' sentenzi finali mogħtija fi Stat Membru ieħor u li hemm limitu kemm il-Qrati Maltin jistgħu jirrikorru għall-kunċett ta' ordni pubbliku sabiex jirrifjutaw li jirrikonoxxu u jagħtu lok għall-eżekuzzjoni f'Malta ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor.

7. Tissottometti wkoll il-konvenuta illi nonostante li l-Awtorita' tqis illi s-sentenzi mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi qed jeffettwaw serjament l-operat tagħha, ma jirriżultax li għamlet xi tentativ sabiex tintervjeni fil-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti Awstrijaka. Tissottolinea illi l-mertu tal-kawża odjerna jikkonċerna relazzjoni ċivili bejnha u bejn is-soċjeta' Mr Green Limited biss rigward sentenzi li kkundannaw lil Mr Green Limited u mhux lill-Awtorita'. Tqis għalhekk illi l-Awtorita' hija kompletament estranea għar-relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuta u s-soċjeta' attriċi. Issemmi illi hija ġurisprudenza kostanti illi l-interess ġuridiku sabiex wieħed jitħalla jintervjeni irid ikun interess sostanzjali u dirett fil-mertu tal-kawża u mhux sempliċement fl-eżitu ta' dik il-kawża.

8. Tissottometti illi huwa pależi li l-uniku interess li għandha l-Awtorita' huwa wieħed 'biased' immirat favur l-operaturi u l-interessi kummerċjali u l-qliegħ ekonomiku li dan is-settur jiġġenera lilha, u li fil-frattemp qed tinjora li parti mid-doveri statutorji tagħha huwa li tirregola s-settur fl-interess pubbliku inkluż ġukaturi bħalma hi l-konvenuta.

9. Fir-risposta tagħha tat-8 ta' Novembru 2022 is-soċjeta' attriċi Mr Green Limitted tiddikjara illi għar-raġunijiet hemm mogħtija hija taqbel mat-talba tal-Awtorita' li tiġi awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri.

10. Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 l-avukati tal-partijiet għamlu t-trattazzjoni tagħhom.

11. Rat l-atti tal-kawża.

12. Rat li r-rikors tħalla għallum għall-provvediment finali.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

13. Bħala punt tat-tluq fid-deliberazzjoni ta' din il-Qorti opportun jiġu delineati **l-elementi kostitutivi tal-Istitut tal-Intervenut fil-Kawża *in Statu et Terminis***.

14. Artikolu wieħed biss insibu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jitratta l-intervent ta' parti f'kawża ta' ħaddieħor hekk imsejjaħ *in statu et terminis.*

15. **Artikolu 960 tal-Kap. 12** intitolat "Intervent f'kawża *in statu et terminis*" jipprovdi:

> "Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad

kemm fil-qorti fi grad ta'appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha."

16. Il-Qrati nostrani kellhom diversi opportunitajiet jinterpretaw dan l-artikolu a mis-sena 1898 ġie ritenut mill-qrati tagħna illi: "………..nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte … "L` istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi"[1];

17. Artikolu 960 huwa applikabbli għall-kull xorta ta' kawża quddiem il-qrati Maltin;

18. Il-pozizzjoni ġuridika ta' parti f'kawża u intervenut fl-istess kawza ma hix identika. Persuna li tigi awtorizzata tintervjeni f'kawża *in statu et terminis,* għalkemm bil-permess tal-Qorti, tista' tissolleva kwalunkwe eccezzjoni, ma ssirx parti fil-kawża, kuntrarjament għall-kjamat fil-kawza, u għalhekk ma tistax tiġi kkundannata jew liberata;

19. L-intervent fil-kawza huwa mogħti lil kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tal-Qorti li għandha interess ġuridiku fil-mertu ta' kawża li tkun miexja bejn ħaddiehor[2];

---

[1] **Stepton vs Spiteri** - Appell Ċivili - 23/11/1898 (Kollez Vol. XVI.i.117); **Artikolu 960 tal-Kap. 12** ma ġarrab l-ebda tibdil jew sostituzzjoni minn meta ġie promulgat il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lura fis-sena 1855;

[2] App. Civ. Sup. **Michele Cefai v. Angelo Cutajar et.,** 11/4/1947; Q. Kost. **Carmelo sive Charles Delia et. v. Registratur tal-Qrati noe. et. 25**/4/1990; PA **Ivo Borg v. Carmelo Muscat**, 28/10/1960; App. Civ Sup**. Bernard**

20. L-interess meħtieg sabiex wieħed jintervjeni bis-saħħa tal-Artikolu 960 irid ikun interess ġuridiku, u ċioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux sempliċement interess fl-eżitu ta' dik il-kawza bil-ħsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawża jew kawżi oħra futuri[3];

21. Għalkemm skond l-Artikolu 960 tal-Kap 12 l-intervenut fil-kawza ma jissospendix is-smiegħ tal-kawża; pero' "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib 'il quddiem ir-ragunijiet tieghu" (Kollez. Vol. XXXII P I p 477). Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tiegħu biex jiddahhal fil-kawza, l-intervenut fil-kawża għandu dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċizi. Dan hu seta' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom[4];

22. Ġie wkoll dikjarat illi l-intervenut fil-kawza ġialadarba jkun issodisfa lill-Qorti li għandu interess sostanzjali u dirett fil-mertu tal-kawża u mhux f'mertu ieħor simili għal dak fil-kawża, ma hux sempliċement osservatur izda għandu wkoll id-dritt li jressaq il-provi. Huwa ghalhekk li l-intervenut fil-kawza għandu dritt jaghmel sottomissjonijiet u anke jressaq provi."[5]

23. Il-mertu ta' kawża jibqa' l-istess mit-twelid sat-tmiem tagħha kif promoss mill-attur u ma jinbidilx u lanqas jitwessa bil-fatt li l-Qorti tkun awtorizzat lil terz jintervjeni *in statu et terminis*;

---

**Zammit v. Emmanuele Formosa et**, 11/6/1948 ; PA **John Said et v. Carmelo Vassallo**, 11/3/1950 - ċitati fis-sentenza Christopher Cassar vs Avukat Ġenerali

[3] **Mario Galea Testaferrata et. vs Il-Prim Ministru et.** - Qorti Kostituzzjonali - 10/01/2005 u l-ġurisprudenza hemm ċitata: **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott** Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02).

[4] **Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonnici et vs Evelyn Micallef Agius et**. - Qorti tal-Appell - 10/01/2007; **Joseph Galea vs Alfred Cardona** - Appell Kummerċjali - 28/07/1987 u l-każistika hemm ċitata

[5] **Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana et.** - Qorti tal-Appell - 2/12/2005; **Constantino sive Lino Grech et v. Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et** - Qorti ta' l-Appell - 20/02/1996),

24. It-terz ammess jintervjeni *in statu et terminis* għandu, permezz tal-provi minnu mressqa kif ukoll fis-sottomissjonijiet minnu magħmula, jappoġġja l-azzjoni tal-attur jew id-difiża tal-konvenut dwar il-mertu ta' dik il-kawża; iżda mhux li jintroduċi fil-kawża talbiet ġodda.

25. Applikati dawn il-prinċipji għar-rikors hawn trattat u deċiż il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

26. Huwa minnu illi s-soċjeta' attriċi topera bis-saħħa ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorita'. Huwa minnu wkoll illi s-soċjeta' attriċi, nonostante li għandha liċenzja maħruġa mill-Awtorita', ġiet ikkundannata minn qorti fl-Awstrija sabiex tirrifondi somma ta' flus lill-konvenuta minħabba li skond il-qorti estera s-soċjeta' attriċi operat fit-territorju Awstrijaku mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa minn awtorita' Awstrijaka bil-konsegwenza illi l-kuntrattazzjoni ta' bejniethom kienet nulla.

27. L-Awtorita' tirreferi għall-artikolu 45 tal-Brussels 1 Recast li jipprovdi illi "On the application <u>of any interested party</u>, the recognition of a judgment shall be refused if such recognition is manifestly contrary to public policy (ordre public) in the Member State addressed…………". Tqis illi hija tikwalifika bħala "interested party" ai termini tal-artikolu 45 ċitat u allura *multo magis* għanda dritt li tintervjeni f'dawn il-proċeduri.

28. Brussels 1 Recast ma jagħtix definizzjoni ta' "interested party". Jidher illi l-fehma predominanti f'dan ir-rigward hi illi sabiex persuna tikwalifika bħala "interested party" jeħtieġ illi tkun persuna li tkun ser tiġi milquta direttament bl-effetti ta' dik is-sentenza jekk tali sentenza tiġi eżegwita. Is-sentenza tal-qorti Awstrijaka li l-konvenuta trid teżegwixxi hawn Malta bl-ebda mod ma hi qed tikkundanna lill-Awtorita' anke għaliex l-Awtorita' ma kenitx parti f'dawk il-proċeduri. Il-Qorti ma tqisx illi l-Awtorita' tikwalifika

bħala "interested party" kontemplata fl-artikolu 45 tal-Brussels 1 Recast.

29. Dwar l-interess kontemplat fl-Artikolu 960 tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Appell ġia kellha l-okkażżjoni tippronunzja ruħha dwar talba simili mill-istess Awtorita' fi proċeduri li għalkemm mhux identiċi pero' huma simili.

30. Is-sentenza **Markus Wurglitsch vs Interwetten Gaming Limited** mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2022 mill-Qorti tal-Appell hija rilevanti għad-deċiżżjoni odjerna in kwantu tirrigwarda talba tal-istess Awtorita' sabiex tintervjeni f'kawża fejn l-attur qed jitlob lill-Qorti Maltija tikkundanna lis-soċjeta' hemm konvenuta tirrifondilu flus li allegatament tilef ġewwa l-Awstrija fil-logħob *online* mas-soċjeta' konvenuta li għalkemm għandha liċenzja Maltija ma għandiex liċenja maħruġa mill-awtoritajiet Awstrijaċi. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-Awtorita' sabiex tintervjeni minn liema deċiżżjoni l-Awtorita' appellat.

31. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-ġurisprudenza nostrana dwar l-istitut tal-intervent fil-kawża b'mod partikolari dwar l-interess kontemplat fl-artikolu 960.

32. Spjegat illi sabiex talba għall-intervent f'kawża tintlaqa' jeħtieġ illi min jagħmel it-talba jissodisfa lill-qorti mhux biss li għandu interess li isostni d-dritt tiegħu proprju f'dik il-kawża iżda jeħtieħ ukoll li jissodisfa lill-qorti illi ghandu interess li jsostni l-pretensjoni tieghu fil-konfront ta' xi naha jew ohra mill-partijiet. Mankanti pretensjoni fil-konfront ta' naħa jew oħra mill-partijiet jibqa' karenti l-interess kontemplat fl-artikolu 960 tal-Kap. 12.

33. Kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Appell:

"Il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li skont il-ġurisprudenza l-intervenut jista' jkollu l-interess meħtieġ biex jintervjeni f'kawża anke biex isostni dritt tiegħu proprju u mhux dak ta' xi waħda mill-partijiet tal-kawża, l-interess vantat mill-Awtorita` appellanti f'dan il-każ jibqa' xorta waħda karenti. Skont il-ġurisprudenza l-intervenut fil-kawża jista' jiġi ammess fil-kawża "... sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure **i proprii diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro**, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata, la quale stabilire certi fatti o certi diritti, siano favorevoli siano contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato." [enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti].2 F'dan il-każ huwa ċar li l-Awtorita` m'hijiex qed titlob li tintervjeni fil-kawża biex tittutela dritt li skont hi għandha filkonfront tal-attur jew tas-soċjeta` konvenuta. L-interess tal-Awtorita` appellanti huwa biss fl-eżitu ta' din is-sentenza, u b'mod partikolari eżitu pożittiv għall-attur, u kif dan jista' jkollu impatt fuq is-suq lokali relevanti, li mhuwiex dritt tutelabbli fil-konfront ta' waħda mill-partijiet f'din il-kawża u li kif rajna mhuwiex meqjus bħala suffiċjenti mill-ġurisprudenza sabiex jirradika l-interess meħtieġ f'persuna biex tiġi awtorizzata tintervjeni f'kawża bejn terzi. Huwa żbaljat ukoll l-argument tal-Awtorita` appellanti li għandha interess suffiċjenti biex tintervjeni f'din il-kawża għaliex l-intervent tagħha jkun meħtieġ biex tkun tista' tipparteċipa f'eventwali referenza lil Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jekk ikun il-każ. Mhuwiex permess li l-Awtorita` appellanti tiġi ammessa bħala intervenut f'din il-kawża sempliċiment biex tkun tista' tipproteġi l-interessi li tgħid li għandha f'kawża oħra, partikolarment meta lanqas biss hemm ċertezza li dik il-kawża fil-fatt ser issir.

34. *Ex admissis* l-Awtorita' la għandha pretensjoni kontra s-soċjeta' attriċi u lanqas kontra l-konvenuta. Is-sottomissjonijiet misjuba fir-rikors tagħha huma kollha diretti kontra l-awtorita' ġudizzjarja Awstrijaka li qed tikkundanna lis-soċjeta' attriċi talli qed topera fit-

territorju Awstrijak mingħajr ma hi munita b'liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Awstrijaki. Huwa evidenti illi l-Awtorita' mhux interess ġuridiku fil-mertu tal-kawża għandha iżda interes fl-eżitu tal-kawża Il-Qorti tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell appena ċitati u għall-istess raġunijiet tiddikjara illi l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob m'għandiex l-interess kontemplat fl-artikolu 960 tal-Kap. 12 sabiex titħalla tintervjeni f'dawn il-proċeduri.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ir-rikors tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2022.

Bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorita'.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**